MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2005

Appell Kriminali Numru. 113/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Grezzju Farrugia**
***… omissis …***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Grezzju Farrugia (u Mario Farrugia) talli fit-13 ta' Frar 2002, minghajr il-permess ta' Carmelo Farrugia jew dawk tal-awtoritajiet kompetenti, ingombraw il-passagg komuni li jinsab fir-raba' maghruf bhala tal-Papa f'Hal Far, uzat minn Carmelo Farrugia, b'mod li ma hallewhx jaghmel uzu mill-passagg liberament skond il-ligi, liema ingombru ghadu hekk sallum;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' April 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Grezzju Farrugia hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u lliberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet xhur u ordnatlu li jnehhi l-gorbog gebel mill-passagg fi zmien tliet gimghat mid-data ta' dik is-sentenza b'ammenda ta' Lm2 liri Maltin kuljum fin-nuqqas;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Grezzju Farrugia pprezentat fit-18 ta' April 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni migjuba kontra tieghu u dan skond dawk il-provedimenti u modalitajiet li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant jghid li hija skorretta l-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti li l-gebel gie mqieghed fil-passagg b'impika u sabiex jostakola lil Carmelo Farrugia. Jghid li ghalkemm il-pozizzjoni tal-gebel giet korrettement indikata fir-rapport peritali, dan il-gebel ingab hemm mill-appellant u huh sabiex isiru xoghlijiet ta' kostruzzjoni u ta' riparazzjoni tal-hitan ta' madwar il-passagg komuni mertu tal-kawza u ghalhekk tali xoghlijiet kienu komuni ghall-beneficcju tat-tliet ahwa kontendenti peress li kienu qed isiru f'partijiet komuni ghalihom. Dan ghamluh wara li raw li ma kienx hemm kooperazzjoni da parti ta' huhom. Inoltre skond l-appellant, Carmelo Farrugia kien ilu zmien ma jaghmel uzu minn dan il-passagg peress illi huwa ghandu dhul ghall-parti tar-raba' li huwa qieghed jaghmel uzu minnu. Anke l-passagg kien jehtieg xoghlijet ta' riparazzjoni ghax kien imhaffer hafna u l-istess Carmelo Farrugia ma setax jaccedi f'dan il-passagg. Fl-ahharnett isostni li Carmelo Farrugia ma tilef l-ebda tgawdija peress li dan il-passagg ma jaghtix ghall-parti li huwa jaghmel uzu

minnha izda jaghti ghall-gibjun li l-istess Carmelo Farrugia ghandu access ghalih mill-parti li jaghmel uzu minnha.

Issa, l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant hi dik ta' *ragion fattasi* taht l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali. L-elementi kostituttivi ta’ dan ir-reat huma, kif gie diversi drabi ritenut fil-gurisprudenza taghna:

“(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta’ dan il-hadd iehor; (2) il-kredenza li l-att qieghed isir b’ezercizzju ta’ dritt; (3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel ‘di privato braccio’ dak li jmissu jsir per mezz ta’ l-awtorita` pubblika (Jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d’Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, ‘la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l’opera del Magistrato’); u (4) in-nuqqas ta’ titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, Il-Pulizija v. Salvatore Farrugia, Appell Kriminali 14 ta’ Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; Il-Pulizija v. Carmel sive Charles Farrugia, App. Krim. 17 ta’ Frar, 1995; Il-Puliziia v. Carmelo Ciantar, 18 ta’ Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., **Annotazioni able Leggi Criminali** (Malta), 1872, p. 123). Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista’ jaghti lok ghar-reat ta’ ***ragion fattasi*** jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta’ ***ragion fattasi*** jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika”.[1]

Wara li din il-Qorti ezaminat l-atti kollha tal-kawza u s-sentenza appellata, hi tal-fehma li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament tajjeb tal-fatti meta ddecidiet li l-appellant kien hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu. Difatti jissussistu l-elementi kostituttivi tar-reat ta' *ragion fattasi*. Del resto dan jirrizulta car anke mill-argomentazzjoni fir-rikors ta' appell.

---

[1] Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Mario Lungaro**, 18 ta' Novembru 1996

Mhuwiex kontestat li l-appellant (flimkien ma' huh) qieghdu l-gebel in kwistjoni fil-passagg li huwa komuni ghalihom u huhom Carmelo Farrugia. Jirrizulta li dan ghamluh minghajr il-kunsens tieghu u nonostante l-fatt li kien passagg komuni li seta' jintuza minnhom ilkoll. Il-fatt li Carmelo Farrugia ghandu post iehor minn fejn jghaddi ma jfissirx li ghandu jigi mcahhad milli jkompli jaghmel uzu mill-passagg komuni ma' hutu.  Jirrizulta car ukoll li l-appellant dehrlu li kellu dritt li jaghmel dak li ghamel minhabba li, skond hu, Carmelo Farrugia ma riedx jghin biex jirrangaw - haga negata minn Carmelo Farrugia. Ghalhekk meta l-appellant (flimkien ma' huh) qabad u tefa' l-gebel f'nofs il-passagg ghamel hekk arbitrarjament u *di privato braccio*. Jigi osservat li ghalkemm dan gara fit-13 ta' Frar 2002, meta l-appellant kien qieghed jixhed fil-5 ta' Dicembru 2002 ikkonferma li l-gebel kien ghadu hemm u li thalla hemm "ghax ma giex jghinna meta r-raba' qieghed in solidu". Pero` mbaghad fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2003 gie verbalizzat minn Dott. Abela - li kien qieghed jidher ghall-parte civile - li l-borg gebel kien tnehha min-nofs.

Fil-kaz ta’ ko-pussessuri, dak li hu mehtieg hu li huma “jaghmlu, kull wiehed minnhom, uzu ragonevoli mill-oggett b’mod li ma jkunx jista’ jinghad li wiehed qed jippriva lill-iehor mit-tgawdija ragonevoli ta’ dak l-oggett” (Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Georgina Gauci,** 7 ta’ Jannar 1998, Vol. LXXXII.iv.76). Bl-agir tieghu l-appellant cahhad lil huh mit-tgawdija tal-passagg bi ksur tal-provvedimenti ta’ l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali. Konsegwentement l-appell tieghu huwa infondat.
Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi stante li l-gebel tnehha fil-mori tal-kawza tirrevokaha in kwantu ordnat lill-appellant li jnehhi l-borg gebel mill-passagg fi zmien tliet gimghat b'ammenda ta' zewg liri Maltin (Lm2) kuljum fin-nuqqas, u tikkonfermaha fil-kumplament.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------